**DISKORS MILL-E.T. MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, PRESIDENT TA' MALTA, WAQT KONFERENZA BIEX TFAKKAR L-20 ANNIVERSARJU TAL- FONDAZZJONI MID-DLAM GĦAD-DAWL**

**IS-SIBT 18 TA' APRIL 2015**

Sinjuri,

**Insellmillkom u nirringrazzjakom talli organizzajtu din il-konferenza; mhux biss biex tfakkru l-20 sena mit-twaqqif ta' Mid-Dlam għad-Dawl; izda biex ukoll tagħtu ġieħ lix-xogħol li għamiltu flimkien dan l-aħħar.**

**2o sena ta' ħidma tfisser ħafna sagrifiċċu minn naħa ta' minn waqqaf l-organizzazjoni mhux governattiva Mid-Dlam għad-Dawl, minn kull min ta' sehmu biex jintlaħaq l-għan ewlieni tagħha, u minn, b'xi mod jew ieħor, kellu x'jaqsam biex ix-xogħol tagħha jitwettaq.**

**Jiena ċerta li dan is-sagrifiċċu ġie apprezzat min dawk in-nies li rċevew l-għajnuna tagħkom, u l-familji tagħhom, u tibqa fil-qalb tagħhom bħala l-unika sors ta' wens li sabu, u meta l-aktar kellhom bżonn.**

**F'isem dawn kollha, minn qalbi nirringrażżjakom, u nawguralkom mhux biss 20 sena oħra ta' ħidma bla għeda, iżda ukoll suċċess fl-aspirazzjonijiet tagħkom għal futur.**

Kif semejt, illum ukoll qed ngħarrfu inizzjattiva għal ġid ta' dawk kollha fostkom li għandkom ix-xewqa li tibdew tbiddlu ħajjitkom għal l-aħjar, permess ta' tagħlim.

Jien nifraħ minn qalbi lil membri kollha ta' Mid-Dlam għad-Dawl, ta' din l-inizzjattiva, li turi, bl'aktar mod ċar, il-fiduċja li għandkom f'kull persuna li trid tgħin ruħa.

Nifraħ b'mod partikolari lilkom li fassaltu l-programm mmirat fuq il-*behaviour change,* u l-ħiliet li wieħed għandu bżonn biex jirnexxielhu jinbidel.

Jien napprezza li l-ebda bidla f'ħajjet il-bniedem m'hi faċli. Nista' niżgurakom li kollha kemm aħna nsibuha diffiċli biex nħallu drawwiet li bihom nħossuna komdi, u nibdew nagixxu b'mod ieħor.

Iżda kollha kemm aħna rridu nagħmlu l-almu tagħna biex nsiru aħjar bħala persuni, nagħġixxu b'mod aktar soċjevoli, u nistinkaw għal ġid tagħna nfusna, tal-familji tagħna, u għal ġid tas-soċjetà kollha kemm hi.

Nista' niżgurakom ukoll, li wara bidu diffiċli, jasal iż-żmien fejn il-ħiliet li nkunu tgħallimna u stinkajna biex nidraw, isiru ukoll parti minn ħajjitna.

**U s-sodissfazzjon li jkollna meta jirnexxielna nilħqu l-għan tagħna jagħtina kuraġġ għal bidu ġdid u futur sabiħ, jagħtina ukoll possibilitajiet ġodda biex ngawdu l-familja, u li hija tant għaziza għalina.**

**Irrid ukoll nuri l-apprezzament tiegħi għax-xogħol li jagħmel id-divizjoni edukattiva tal-Faċilità ta' Kordin.**

**Intom ħolqa ferm importanti bejn il-Faċilità u d-dinja hemm barra, għal dawk kollha li jaspiraw għal bidu ġdid f'ħajjithom, u l-*input* tagħkom huwa mprezzabli.**

**Ħadt pjaċir nara ukoll li l-entitajiet kollha ħdimtu flimkien għal ġid ta' kullħadd; din l-għaqda għal għan wieħed tagħti frott ħafna aktar wiesa u li tista' titgawda mis-soċjetà kollha.**

**Mill-*evaluation report* li qrajt, jidher li l-istudenti taw full marks lil-għalliema. Dan juri l-*commitment* li kien hemm minn naħa ta' dawk kollha li kkontribwew għal dan il-programm.**

**Nifirħilkom ta' dan, u nawguralkom li tkomplu b'aktar u aktar programmi bħal dawn, għal ġid ta' kull minn ikun qiegħed fil-faċilità.**

**Jien rajt ukoll li dan it-taħriġ ġie mfassal biex ifakkar l-20 sena mit-twaqqif ta’ l-organizzazzjoni Mid-Dlam għad-Dawl, iżda nawgura li jibqa’ jitella għal ħafna snin oħra, għal ġid ta’ dawk kollha li jixtiequ jipparteċipaw fis-snin li gejjin.**

**Ta’ dan kollu, nirringrażżjakom minn qalbi u nixtieqilkom kull ġid.**